KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 16 ta' Ottubru 2008 (22. 10)
(OR. en)

14381/08

COPEN 190

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| minn: | Raul Mälk, Rappreżentant Permanenti tar-Repubblika tal-Estonja għall-Unjoni Ewropea |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji - Ittra ta' notifika |

Ref tagħna:

Ref tiegħek: 10.3-6/10898

30 ta' Settembru 2008

Is-Sur Ivan BIZJAK
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali H (Ġustizzja u Affarijiet Interni)
Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Rue de la Loi 175
B - 1048 Brussell

**Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji - notifika u liġijiet ta' implimentazzjoni ta' Deċiżjonijiet Kwadri**

B'referenza għall-Artikoli 2(1) u 16(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji, l-Estonja tinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill kif ġej:

1. Skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji, għall-Estonja, kemm bħala stat emittenti kif ukoll bħala stat ta' eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti ser tkun il-Ministeru tal-Ġustizzja. Deċiżjoni, flimkien maċ-ċertifikat ta' akkumpanjament, tista' tintbagħat fl-indirizz li ġej:

EV Justiitsministeerium
Tõnismägi 5a
Tallinn 15191
ESTONJA
Tel.: +372 620 8100
Posta elettronika: info@just.ee

2. Fir-rigward tal-Artikolu 16(1) tad-Deċiżjoni Kwadru, l-Estonja tiddikjara li hija ser taċċetta ċertifikati maħruġin jew tradotti fl-Estonjan jew fl-Ingliż.

3. F'konformità mal-Artikolu 20(5) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill (2005/214/ĠAI) tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji u tal-Artikolu 14(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill (2003/577/ĠAI) tat-22 ta' Lulju dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza, l-Estonja tikkomunika t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħha l-obbligi li jirriżultaw mid-Deċiżjonijiet Kwadri msemmijin qabel. Jekk jogħġbok sib mehmuż id-dokumenti, li jikkonsistu f'9 paġni.

Dejjem tiegħek,

Margus Sarapuu
Segretarju Ġenerali

Ülle Eelmall 620 8288; ylle.eelmaa@just.ee